# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 14 ta’ Marzu, 2024**

**Numru 10**

**Rikors Numru 329/22TA**

**Pullicin Developers Limited (C40807)**

**vs**

**Dr. Sue Mercieca u PL Marie Claire Bartolo b’digriet datat 14 ta’ Ottubru 2022 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati biex jidhru u jiddefendu fl-interess tal-assenti Gaetano Giuseppe La Mastra**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta’ Pullicin Developers Limited (is-Soċjeta’ Attriċi) tat-12 ta’ April 2022 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

<u>“Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>

1. L-intimat Gaetano Giuseppe La Mastra xtara mingħand JM Vassallo Vibro Steel Limited, iżda f’isem taħt il-kont intestat lis-soċjetà rikorrenti, għadd ta’ materjal ta’ kostruzzjoni, tagħmir, oġġetti, u materjal ieħor. Is-soċjetà rikorrenti ġiet mitluba tħallas il-fatturi relattivi

għal dawn l-ordnijiet, kif jidhru mis-sett ta' fatturi hawn annessi u immarkati kollettivament bħala Dokument PDL1 (total fatturat: €16,928.17), u ħallsithom. Min-naħa l-oħra, is-soċjetà rikorrenti provdit lill-intimat b'tagħmir, oġġetti u materjal ta' kostruzzjoni, kif jirriżulta mis-sett ta' fatturi hawn annessi u immarkati kollettivament bħala Dokument PDL2 (total fatturat: €14,584.80).

2. Għalhekk, l-intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' komplessiva ta' wieħed u tletin elf ħames mija u tnax-il euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€31,512.97). Mitlub iħallas dan l-ammont, l-intimat baqa' inadempjenti (ara l-email mibgħuta lilu kif annessa u immarkata bħala Dokument PDL3), apparti li dan sfuġġa minn Malta, u qata' totalment il-kuntatt minn mas-soċjetà rikorrenti.

3. David Haber, għan-nom tas-soċjetà rikorrenti, jiddikjara illi jaf b'dawn il-fatti bil-ġurament.

Raġuni tat-Talba

1. Għaldaqstant, kellha ssir din il-kawża

Talbiet:

**Jgħid għalhekk l-intimat, 'il għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe ordni u/jew dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:**

1. Tiddikjara għar-raġunijiet premessi illi l-intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' wieħed u tletin elf ħames mija u tnax-il euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€31,512.97).

2. Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' wieħed u tletin elf ħames mija u tnax-il euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€31,512.97).

Bl-imgħax legali applikabbli.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, inġunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għal Gaetano Giuseppe La Mastra (il-konvenut) tal-4 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. "Illi l-esponenti Kuraturi Deputati jissottometu illi stante illi ma ġie provdut l-ebda indirizz fejn jistgħu jikkomunikaw mal-intimat mhumiex f'pożizzjoni li jinfurmawh bil-kawza odjerna u jippreżentaw ir-risposta

ġuramentata għan-nom tal-intimat assenti. Illi mir-rikors ġuramentat jidher illi r-rikorrenti għandha xi indirizzi elettroniċi fejn l-esponenti jkunu jistgħu jikkomunikaw mal-intimat assenti u **għaldaqstant qed jitolbu sabiex dawn l-indirizzi elettroniċi ikunu mgħoddija lill-esponenti sabiex ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-assenti**;

2. Illi in vista ta' dan, l-esponenti Kuraturi Deputati mhumiex edotti mill-fatti *de quo* u għalhekk qed jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta ġuramentata motivata u ulterjuri flimkien ma' lista ta' xhieda u dokumenti jekk ikun il-każ, f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti, liema dritt qed jirriservawh ukoll f'każ illi l-intimat jinstab u jingaġġa l-avukat ta' fiduċja tiegħu;

Salv risposta ulterjuri.

Bl-Ispejjeż."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Is-Soċjeta' Attriċi qed titlob ħlas mingħand il-konvenut fl-ammont ta' globali ta' €31,521.97 konsistenti kwantu għas-somma ta' sittax-il elf disgħa mija tmienja u għoxrin punt sbatax ewro (€16,928.17) materjal ta' kostruzzjoni mingħand JM Vassallo Vibro Steel Limited u dan minn kont intestat f'isem is-Soċjeta' Attriċi u li allura ħallset. Kwantu għas-somma ta' erbatax-il elf ħames mija erbgħa u tmenin punt tmenin ewro (€14,584.80) prezz ta' tagħmir, oġġetti u materjal ta' kostruzzjoni li s-Soċjeta' Attriċi provdiet lill-konvenut.

Jidher li l-konvenut mhux biss ma ħallasx dawn l-ammonti iżda talli l-anqas għadu Malta u għalhekk saret din il-Kawża.

**Ikkunsidrat**

L-ammont li qiegħed jintalab jikkonsisti in parti minn flejjes imħallsa lill-kumpanija JM Vassallo Vibro Steel Limited u in parti minn bejgħ dirett lill-konvenut.

Meta xehed *viva voce* David Haber għas-Soċjeta' Attriċi għid li l-konvenut għandu jagħti €14,584. Jgħidha għal darba darbtejn (a' fol 116). Aktar 'il quddiem speċifikament qal għal darba oħra "*Jiena nimxi ma dak l-istatement ta' l-erbatax-il elf*" (a' fol 119). Pero' fl-affidavit tiegħu jispjega hekk :

"*Allura rrid niccara li:*

*Pullicino Developers Limited ghamlet xirja minghand JMV ghal La Mastra u hallset €16,928.17 u*

*Pullicino Developments Limited provdiet lil La Mastra b'materjal ta' kostruzzjoni u oggetti ohra ghall-valur ta' €14,584.80"* (a' fol 194).

Il-Qorti eżaminat id-dokumenti esebiti (a' fol 5 sa 28 u kif ukoll dawk li jinsabu minn a' fol 120 sa 186). Qieset ukoll iċ-ċirkostanzi kollha u waslet għall-konklużjoni li l-verżjoni mogħtija fl-affidavit tal-imsemmi David Haber hija verosimili għall-aħħar. Għalhekk it-talbiet Attriċi huma fondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara li l-konvenut Gaetano Giuseppe La Mastra huwa debitur tas-Soċjeta' Attriċi fis-somma ta' wieħed u tletin elf u ħames mija u tnax punt sebgħa u disgħin tal-ewro (€31,512.97).

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas dan l-ammont lis-Soċjeta' Attriċi bl-imgħaxijiet legali mill-presentata tar-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża a' karigu tal-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**